

32003L0089

L 308/15

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.11.2003

**ID-DIRETTIVA 2003/89/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tal-10 ta' Novembru 2003**

li temenda d-Direttiva 2000/13/KE f'dak li jirrigwardja l-indikazzjoni ta' l-ingredjenti preżenti fl-oġġetti ta' l-ikel

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidraw t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkonsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkonsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Sabiex ikun milħuq livell għoli tal-protezzjoni tas-saħħa għall-konsumaturi u sabiex jiġġarantixxi d-dritt tagħhom għall-informazzjoni, għandu jkun assigurat li l-konsumaturi ikunu informati kif xieraq f'dak li jirrigwardja l-oġġetti ta' l-ikel, *inter alia*, permezz ta' l-elekar ta' l-ingredjenti kollha fuq it-tikketti.
- (2) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw l-ittikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel ⁽⁴⁾, ċerti sustanzi ma hemmx hteġa li jkunu jidhru fil-lista ta' l-ingredjenti,
- (3) Meta użati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u li jkunu għandhom preżenti, ċerti ingredjenti jew sustanzi oħrajn li huma l-kawża ta' l-allerġiji jew ta' l-intolleranzji fil-konsumaturi, u uħud minn dawk l-allerġiji jew l-intolleranzi jikkostitwixxu perikolu għas-saħħa ta' dawk ikkonċernati.
- (4) Il-Kumitat Xjentifiku dwar l-ikel stabbilit bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/579/KE ⁽⁵⁾ kien stqarr li

l-inkidenza ta' l-allerġiji ta' l-ikel tkun tali hekk li taffettwa l-hajiet ta' ħafna nies, li joħlqu kondizzjonijiet li jvarjaw minn ferm ħfief għal potenzjalment fatali.

- (5) L-imsemmi Kumitat kien irrikonoxxa li l-allerġeni komuni ta' l-ikel jinkludi l-ħalib tal-baqar, il-frott u l-legumini (speċjalment il-karawett u l-fażola tas-sojja), bajd, krustaċej, ġewż mis-siġar (frott bil-qoxra iebsa), ħut, ħxejjex (krafes u ikel ieħor tal-familja Umbelliferae), il-qamħ u ċ-ċereali l-oħrajn.
- (6) L-allerġeni l-aktar komuni ta' l-ikel huma misjuba f'varjeta kbira ta' l-ikel ipproċessat.
- (7) L-imsemmi Kumitat kien ukoll innota li r-reazzjonijiet avversi għall-addittivi ta' l-ikel jistgħu iseħħu u li l-evitar ta' l-addittivi ta' l-ikel ta' spiss ikunu diffiċli minħabba li mhux kollha huma invarjabilment inklużi fit-tikkettjar.
- (8) Huwa meħtieġ li jkun hemm provvedimenti li l-addittivi, l-għajnuniet tal-ipproċessar u tas-sustanzi l-oħrajn b'effett ellergeniku li huma koperti fl-Artikolu 6(4)(a) tad-Direttiva 2000/13/KE huma suġġetti għar-regoli tal-ittikkettjar, li jagħtu informazzjoni xierqa lill-konsumaturi li jsofru minn allerġija ta' l-ikel.
- (9) Anki jekk it-tikkettjar, li huma ntiżi għall-konsumaturi ġenerali, m'għandux ikunu meqjus bħala l-uniku medja ta' l-informazzjoni li taġixxi bħala sostituzzjoni tal-istabbiliment mediku, huma b'dana kollu rakkommandabbli li jkunu mgħejjuna l-konsumaturi li jkollhom allerġija jew intolleranzi sa kemm ikun possibbli billi jkunu ipprovduti b'aktar informazzjoni komprensiva dwar il-komposizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel.
- (10) Il-lista ta' sustanzi allerġeniċi għandha tinkludi dawk l-oġġetti ta' l-ikel, l-ingredjenti u s-sustanzi rikonoxxuri bħala li joħlqu l-ippersensittività.
- (11) Sabiex il-konsumaturi kollha jkunu ipprovduti b'informazzjoni aħjar u sabiex tkun imħarsa s-saħħa ta' ċerti konsumaturi, għandu jkun obbligatorju li jkunu nklużi fil-lista tal-ingredjenti, l-ingredjenti kollha u s-sustanzi l-oħrajn li huma preżenti fl-oġġetti ta' l-ikel. Fil-każ ta' xorb alkoħoliku, għandu jkun mandatorju li jkunu inklużi fit-tikketti l-ingredjenti kollha b'effett allerġeniku li jkunu preżenti fix-xorb ikkonċernat.
- (12) Sabiex ikunu meqjusa l-limitazzjonijiet tekniċi kollha involuti fil-manifattura ta' l-oġġetti ta' l-ikel, huwa meħtieġ li tkun awtorizzata aktar flessibilità f'dak li jirrigwardja l-illistjar tal-ingredjenti u tas-sustanzi l-oħrajn li huma wżati fi kwantitajiet żgħar ħafna.

⁽¹⁾ ĠU C 332 E, tas-27.11.2001, p. 257 u ĠU C 331 E, tal-31.12.2002, p. 188.

⁽²⁾ ĠU C 80, tat-3.4.2002, p. 35.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ġunju 202 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), il-Posizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2003 (ĠU C 102, tad-29.4.2003, p. 16) u l-Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2003 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003.

⁽⁴⁾ ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/101/KE (ĠU L 310, tat-28.11.2001, p. 19).

⁽⁵⁾ ĠU L 237, tat-28.8.1997, p. 18. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2000/443/KE (ĠU L 179, tat-18.7.2000, p. 13).

(13) Sabiex ikun hemm aġġornament ma l-iżvilupp tat-tgħarif xjentifiku u tal-progress f'dak li jirrigwardja l-meżżi teknoloġiċi għat-tneħħija ta' l-allergjenità fl-ingredjenti u fis-sustanzi l-oħrajn u sabiex ikunu mħarsa l-konsumaturi kontra allerġeni ġodda ta' l-ikel u sabiex ikunu evitati obbligi mhux meħtieġa dwar it-tikkettjar, huwa importanti li tkun tista ssir reviżjoni mħaffa ta' l-ingredjenti, meta meħtieġ billi jkunu nklużi jew imneħħija ċerti ingredjenti jew sustanzi. Ir-reviżjoni għandha tkun ibbażata fuq kriterja xjentifika determinata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-ikel stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 ⁽¹⁾ u li tiegħu l-għamla tal-miżuri implemtattivi ta' natura teknika, li l-adozzjoni tagħhom għandha tkun afdana lill-Kummissjoni fl-interess tas-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċedura. Aktar minn hekk, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tħejji linji ta' gwida tekniċi għall-interpretazzjoni ta' l-Anness IIIa.

(14) Id-Direttiva 2000/13/KE għandha għalhekk tkun emendata kif xieraq,

ADOTTAW DIN I-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2000/13/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 6 għandu jkun emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“1. L-ingredjenti għandhom ikunu elenkati b'konformità ma dan l-Artikolu u ma l-Annessi I, II, III u IIIa.”;

(b) il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud:

“3a. Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-ittikkettjar li għandhom ikunu stabbiliti bis-saħħa tal-paragrafu 3, kwalunkwe ingredjent, kif definit fil-paragrafu 4(a) u elenkat fl-Anness IIIa, għandu jkun indikat fuq it-tikketta meta jkun preżenti fix-xorb referut fil-paragrafu 3, Din l-indikazzjoni għandha tinkludi il-kelma 'fieh' segwita bl-isem ta' l-ingredjent(i) ikkonċernati. B'dana kollu, indikazzjoni ma tkunx meħtieġa meta l-inredjent ikun diġa inkluż permezz ta' l-isem speċifiku tiegħu fil-lista ta' l-ingredjenti jew fl-isem li permezz tiegħu ix-xorb huwa mibjugħ.

Meta meħtieġ, regoli dettaljati għal-preżentazzjoni kif referuti fl-ewwel subparagrafu jistgħu ikunu adottati b'konformità ma dawn il-proċeduri li ġejjin:

(a) f'dak li jirrigwardja l-prodotti referuti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/99 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid ^(*), permezz tal-proċeduri stabiliti fl-Artikolu 75 ta' dak ir-Regolament;

(b) f'dak li jirrigwardja l-prodotti referuti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 ta' l-10 ta' Ġunju 1991 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, d-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' nbejjed aromatizzati, xorb ibażat fuq inbejjed aromatizzati u cocktails prodotti minn inbejjed aromatizzati ^(**), permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament;

(c) f'dak li jirrigwardja l-prodotti referuti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, d-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xorb spirituoż ^(***), permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament;

(d) f'dak li jirrigwardja prodotti oħrajn, permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(2) ta' din id-Direttiva.

^(*) ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, ta' l-14.10.2003, p. 13).

^(**) ĠU L 149, ta' l-14.6.1991, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2061/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 277, tal-31.10.1996, p. 1).

^(***) ĠU L 160, tat-12.6.1989, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3378/94 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 366, tal-31.12.1994, p. 1).”;

(c) dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud mal-paragrafu 4(c):

“(iv) is-sustanzi li ma humiex addittivi imma li huma wżati bl-istess mod u għall-istess skop bħall-għajnuniet tal-ipproċessar u li għadhom preżenti fil-prodott finali, anki jekk b'għamla mibdula.”;

(d) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5 għandu jkun emendat kif ġej:

(i) ir-raba' inċiż għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“— meta l-frott, il-ħxejjex jew il-faqqiegħ, li l-ebda wieħed minnhom ma jkun predominant sinifikanti f'termini ta' piż u li huma użati fi proporzjonijiet li aktarx li jvarjaw, huma wżati f'taħlita bħala ingredjenti ta' l-oġġetti ta' l-ikel, dawn jistgħu ikunu miġbura flimkien fil-lista ta' l-ingredjenti taħt id-designazzjoni 'frott', 'ħxejjex' jew 'faqqiegħ' segwiti bil-frażi 'fi proporzjonijiet varji', u immedjetament segwiti bil-lista tal-frott, ħxejjex jew faqqiegħ li jkunu preżenti; f'tali każi, it-taħlita għandha tkun inkluzja fil-lista ta' l-ingredjenti bi qbil ma l-ewwel subparagrafu, fuq il-bażi tal-piż totali tal-frott, ħxejjex jew faqqiegħ li jkunu preżenti.”;

(ii) l-inċiżi li ġejjin għandhom ikun miżjuda:

“— ingredjenti li jikkostitwixxu anqas minn 2 % tal-prodott finali jistgħu ikunu elenkati f'ordni differenti wara l-ingredjenti l-oħrajn,

⁽¹⁾ ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 (ĠU L 245, tad-29.9.2003, p. 4).

- meta l-ingredjenti huma l-istess, jew b'mod reċiproku adatti huwa pjuttost li jkunu użati fil-manifattura jew fil-preparazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel mingħajr ma jibdlu l-komposizzjoni tiegħu, in-natura tiegħu jew il-valur osservat tiegħu, u sakemm dawn jikkostitwixxu anqas minn 2 % tal-prodott finali, dawn jistgħu ikunu referuti fil-lista ta' l-ingredjenti permezz tal-frażi 'jinkludi.....u/jew.....', meta mill-anqas wieħed jew aktar minn tnejn mill-ingredjenti jkun preżenti fil-prodott finali. Din id-disposizzjoni m'għandhiex tkun applikabbli għall-addittivi jew għall-ingredjenti elenkati fl-Anness IIIa.”;
- (e) it-tieni superagrafu tal-paragrafu 8 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:
- “Il-lista referuta fl-ewwel subparagrafu m'għandhiex tkun obbligatorja:
- (a) meta l-komposizzjoni ta' l-ingredjent kompost huwa definit fil-leġislazzjoni preżenti tal-Komunità, u sal-limitu li l-ingredjent kompost jikkostitwixxi anqas minn 2 % tal-prodott finali; b'dana kollu, din id-disposizzjoni m'għandhiex tkun applikabbli għall-addittivi, li huma suġġetti għall-paragrafu 4(c),
- (b) għall-ingredjenti komposti li jikkonsistu minn taħlitiet ta' ħwawar u/jew ħxejjex aromatiċi li jikkostitwixxu anqas minn 2 % tal-prodott finali, bl-eċċezzjoni ta' l-addittivi, li huma suġġetti għall-paragrafu 4(c),
- (ċ) meta l-ingredjent kompost huwa oġġett ta' l-ikel li dwaru l-lista ta' l-ingredjenti ma tkunx meħtieġa skond il-leġislazzjoni tal-Komunità.”;
- (f) il-paragrafi li ġejjin għandhom ikunu miżjuda:

“10. Minkejja l-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6 u t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8, kwalunkwe ingredjent użat fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u li jkun għandu preżenti fil-prodott finali, anki jekk f'għamla mibdula, u elenkat fl-Anness IIIa jew li joriġina minn ingredjent elenkat fl-Anness IIIa għandu jkun indikat fuq it-tikketta b'referenza ċara għall-isem ta' dan l-ingredjent.

L-indikazzjoni referuta fl-ewwel subparagrafu m'għandhiex tkun meħtieġa jekk l-isem li permezz tiegħu l-oġġett ta' l-ikel huwa mibjugħ kjarment jirreferi għall-ingredjent ikkonċernat.

Minkejja l-paragrafu 4(c)(ii), (iii) iu (iv), kwalunkwe sustanza użata fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u li tkun għandha preżenti fil-prodott finali, anki jekk f'għamla mibdula, u li toriġina mill-ingredjenti elenkati fl-Anness IIIa għandha tkun meqjusa bħala ingredjent u għandha tkun indikata fuq it-tikketta b'referenza ċara għall-isem ta' dak l-ingredjent li minnu tkun toriġina.

11. Il-lista fl-Anness IIIa għandha tkun sistematika-eżaminata mill-ġdid u, meta meħtieġ, aġġornata fuq il-bażi tat-tgħarif xjentifiku l-aktar riċenti. Din l-ewwel eżaminazzjoni mill-ġdid għandha sseħħ mhux aktar tard mill-25 ta' Novembru 2005.

L-aġġornament jista wkoll ikunu affetwat bit-tneħħija mill-Anness IIIa ta' l-ingredjenti li dwarhom ikun ġie xjentifikament stabbilit li ma jkunx possibbli għalihom li joħlqu reazzjonijiet ħżiena. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista tkun notifikata sal-25 ta' Awissu 2004 dwar l-istudji li preżentament huma mwettqa sabiex jistabbilixxu jekk l-ingredjenti jew is-sustanzi, akkwistati mill-ingredjenti elenkati fl-Anness IIIa pjuttost li ma jkunux, skond ċirkostanzi speċifiċi, li jagħtu bidu għal-reazzjonijiet ħżiena. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-25 ta' Novembru 2004, wara konsultazzjoni ma l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel, tadotta lista ta' dawk l-ingredjenti jew sustanzi, li konsegwentament għandhom ikunu esklużi mill-Anness IIIa, sakemm ikun hemm ir-riżultati finali tal-istudji mħabbra, jew l-aktar tard sal-25 ta' Novembru 2007.

Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu, l-Anness IIIa jista jkun emendat, b'konformità mal-proċedura referuta fl-Artikolu 20(2), wara li opinjoni tkun ġiet akkwistata minn għand l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel li tkun mahruġha fuq il-bażi ta' l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Janar 2002, li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi ta' l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel u li jstabilixxi l-proċeduri dwar materji tas-sigurtà ta' l-ikel (*).

Meta meħtieġ, gwida ta' l-aspetti tekniċi tista tkun maħruġa għall-interpretazzjoni tal-lista fl-Anness IIIa, b'konformità mal-proċedura referuta fl-Artikolu 20(2).

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 (ĠU L 245, tad-29.9.2003, p. 4).”;

- fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 19, “Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-Ikel stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 69/414/KEE (1)” għandu jkun mibdul bi “Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 178/2002”;
- il-postilla, “ĠU L 291, tad-29.11.1969, p. 9”, għandha tkun imħassra;
- fl-Artikolu 20(1) “Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-Ikel” għandu jkun mibdul bi “Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali”;
- fl-Anness I, id-designazzjonijiet “frott kristalizzat” u “ħxejjex”, u d-definizzjonijiet korrespondenti, għandhom ikunu mħassra;
- fl-Anness IIIa, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva, għandu jkun miżjud.

Artikolu 2

- L-Istati Membru għandhom idaħħlu fis-seħħ, sal-25 ta' Novembru 2004, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex:

— jippermettu, sa mill-25 ta' Novembru 2004, il-bejgħ ta' prodotti li jkunu konformi ma din id-Direttiva;

— jipprojbixxu, sa mill-25 ta' Novembru 2005, il-bejgħ ta' prodotti li ma jkunux konformi ma din id-Direttiva; kwalunkwe prodotti li ma jkunux konformi ma din id-Direttiva imma li jkunu tqiegħdu fis-suq jew li kellhom it-tikketti qabel din id-data jistgħu, b'dana kollu, jistgħu ikunu mibjugħa sa kemm jinħlew il-ħażniet.

Għandhom minnufih jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati b'referenza tali fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif referenza bħal din għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Novembru 2003.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Għall-Kunsill

Il-President

A. MARZANO

ANNEX

"ANNEX IIIa

L-ingredjenti referuti fl-Artikolu 6(3a), (10) u (11)

Ċereali li jkun fihom il-glutina (i.e., qamħ, sikrana, xgħir, ħafur, qamħ Ġermaniż, kamut jew is-siltiet ibridi tagħhom) u l-prodotti tagħhom

Krustaċej u l-prodotti tagħhom

Bajd u l-prodotti tagħhom

Ħut u l-prodotti tagħhom

Karawett u l-prodotti tagħhom

Fażola tas-sojja u l-prodotti tagħhom

Ħalib u l-prodotti tiegħu (inkluż il-lattożju)

Frott tal-qoxra iebša (ġewż), i.e. Lewż (*Amygdalus communis* L.), Ġellewż (*Corylus avellana*), Ġewż (*Juglans regia*), Kaxjew (*Anacardium occidentale*), Pekani (*Carya illinoensis* (Wangenh.) K. Koch), Ġewż tal-Brażil (*Bertholletia excelsa*), Pistaċċi (*Pistacia vera*), Ġewż tal-Makadamia u Ġewż ta' Queensland (*Macadamia ternifolia*) u l-prodotti tagħhom

Krafes u l-prodotti tagħhom

Mustarda u l-prodotti tagħha

Iż-żrieragħ tal-ġunġliel u l-prodotti tagħhom

Id-diossidu tal-kubrit u s-sulfidi f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 10 mg/kg jew 0 ml/litru espressi bħala SO₂.
